MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1116/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Emerson Camilleri**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2014.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Emerson Camilleri** ta' 21 sena, bin Gaetano u Maria Assunta nee' Schembri, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Dicembru, 1992, residenti gewwa Bin ital-Gvern Ent. 176, Flat 7, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' 583592(M);

Akkuzat talli fis-16 ta' Novembru, 2014 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1:00 hrs) u fil-hinijiet ta' wara gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ingurjat, jew heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Atkar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Kif wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza ghidt fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent, jew ghamilt atti jew gesti oxxeni, jew b' xi mod iehor li mhux provdut f' dan il-Kodici, offendejt l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

4. Kif wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza b' xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f' dan il-Kodici, ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Talli gewwa l-Ghassa ta' San Giljan nhar is-16 ta' Novembru, 2014 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (2:00 hrs):

5. Kellek fil-pussess tieghek id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikolu Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kontx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolament msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ 1939 dwar il-kontroll intern taddrogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli **95**, **96**, **338 (bb)**, **338(dd)** u **533(1)**, **tal-Kap.9**, u l-Artikoli **4** u **6 tal-Kap 101**, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat fuq l-ewwel erbgha akkuzi;

Rat ir-rapport ta’ l-Espert Forensiku Godwin Sammut in konnessjoni mal-hames akkuza, fejn gie stabbilit illi fuq l-akkuzat instab borza tal-plastic illi fiha kien hemm tracci ta’ sustanza illi hija derivativa ta’ Cathinone, u li hija kkontrollata bil-Lija tahat it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni, abbazi ta’ dan ir-rapport, irtirat il-hames akkuza;

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat u d-dokumentazzjoni ezebita mill-Prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena fuq l-ewwel erbgha akkuzi;

Peress illi jirrizulta ben ippruvat illi l-akkuzat, kif del resto minnhu ammess hedded il-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom kif wkoll hebb ghalihom filwaqt illi qal kliem oxen u indecent u kiser il-buon ordni;

Peress illi tali akkuzi, partikolarment l-ewwel tnejn, huma ta' certa gravita' u turi n-nuqqas ta' rispett illi l-akkuzat ghandu lejn l-Awtoritajiet, liema offizi certament ma jistghux jittiehdu b' mod legger minn dina l-Qorti;

Fic-cirkostanzi, filwaqt illi ma tiehux konjizzjoni tal-hames akkuza, stante illi giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, issib lill-akkuzat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza u, tikkundannah piena karcerarja ta' xaghrejn, liema sentenza m' ghandhiex tibda issehh a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jekk, ghal perjodu ta' sentejn, ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------